UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI
Dar l-Ammiraljat
53, Triq Nofsinhar, Valletta, VLT1101
MALTA

OFFICE OF THE ATTORNEY GENERAL
Admiralty House,
53, South Street, Valletta,
VLT1101
MALTA

TELEPHONE: 22488800

15 t' Awissu 2020.

L-Eċċellenza Tiegħu Dr. George Vella

President ta' Malta

Eċċellenza,

Qiegħed niktiblek biex ngħarrfek illi ddeċidejt illi nirtira mill-kariga ta' Avukat Ġenerali wara li lħaqt l-eta' pensjonabbli nazzjonali f'Marzu li għadda u meta se nkun ili għaxar snin f'din il-kariga tant oneruza u esiġenti.

Għalhekk qiegħed nirriżenja mill-kariga ta' Avukat Ġenerali, ukoll għall-finijiet u l-effetti tal-Kap 564 tal-Ligijiet ta' Malta, b' seħħ mid- 9 ta' Settembru 2020.

Din id-deċiżjoni ma kienitx waħda faċli, la għalija u lanqas għal familti, wara li jien ħdimt b'tant dedikazzjoni u lealta' lejn Malta fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali għal aktar minn seba' u tletin sena u wara li dak l-Uffiċċju sar ħajti. Matul dak iż-żmien ħdimt ma' ħafna persuni ta' fehmiet differenti u kont impenjat bis-sħih f'numru kbir ta' riformi legali mportanti, tista' tghid fl-oqsma kollha inkluż f'xogħol relatat fil-qasam internazzjonali.

Nieħu l-okkażjoni biex nafferma f'dan ir-rigward illi minkejja rwoli diffiċli u ċirkostanzi xi kultant mingħajr preċedent, dejjem wettaqt dmiri skont il-Kostituzzjoni u fuq kollox skont il-kuxjenza u l-ġurament li ħadt bhala Avukat. Jidhirli li dan għamiltu ukoll b' umilta' u b' umanita' li huma wkoll elementi tal-ġustizzja.

Jiddispjaċini ngħid illi l-mod kif ġejt stmat fil-qasam tad-dibattitu pubbliku kien ta' spiss diżappuntanti u nħoss li kien xi drabi partikolarment inġust u dirett biex joħloq perċezzjonijiet foloż. Min-naħa tiegħi l-kariga u s-sens ta' dinjita' kienu ħafna drabi jimpeduni milli ninzel f' dak il-livell biex nirrispondi.

Sfortunatament il-fatt li ġieli ma rribattejtx għal-diversi akkużi li saru fil-konfront tiegħi seta' ġie nterpretat bħala aċċettazzjoni ta' dak li ntqal dwari u partikolarment dwar il-qadi ta' dmirijieti bħala Avukat Ġenerali. Nafferma, f'dan ir-rigward, illi dan assolutament m'huwiex il-każ u li d-diversi attakki fuqi u l-interpretazzjonijiet

mgħawwgin ta' uħud mid-deċiżjonijiet li ħadt ma waqqfunix milli nkompli naqdi dmirijieti fedelment bħala Avukat Ġenerali.

Kif jaf kulħadd kważi sentejn ilu, għall-għarrieda, kont affaċċjajt problema serja ta' saħħa li setgħet kienet ukoll relatata max-xogħol stressanti tiegħi. Ilum wasalt biex nirrealizza illi, minkejja li jien dejjem kont dispost illi naħdem f' ambjent kontenzjuz u nieqes mis-serenita' u qatt ma mxejt fuq il-principju li saħħti tiġi l-ewwel, irrid noqogħod attent ukoll li ma naġġravax il-kondizzjoni ta' saħħti.

Illum wara li qist is-sitwazzjoni fl-aspetti kollha tagħha, ż-żmien twil li ilni fil-kariga, l-fehmiet ta' familti u l-ħsara li ġarrabt f'saħħti, wasalt għal dan il-pass illi ntemm dan il-kapitolu ta' ħajti bħala Avukat Ġenerali li ghandi nghid li għallimni ħafna u li kien vjaġġ iebes u qalil izda xorta ta' sodisfazzjon.

Nirringrazzja, partikolarment, lill-familja tiegħi li dejjem appoġġjawni minkejja li dejjem ċedew posthom u sofrew intortament.

Nibqa' għas-servizz tal-pajjiż fil-każ li dan ikun jinħtieg is-servizzi tiegħi f' xi qasam fejn nkun nista' naghti kontribut.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas nħoss li nkun qed nonqos jekk ma nsellimx lill-Eċċellenza Tiegħek u lis-seba Presidenti tar-Repubblika predeċessuri tiegħek, lis-seba' Prim Ministri u lill-għaxar Ministri tal-ġustizzja, fost il-ħafna persuni distinti oħra li ħdimt magħhom jew fi żmienhom.

Inselli għalik

Dr. Peter Grech

Avukat Generali

Kopja: Onor. Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.